




KIF JISTA' L-INDIVIDWU JIBBENEFIKA MILL-FAĊILITÀ?

1. L-applikant 'mikrointraprenditur' jikseb informazzjoni dwar il-possibiltajiet offruti mill-Faċilità minn uffiċċju ta' Servizz tal-Impjieg Pubbliku lokali (jew mill-websajt online tagħhom) jew minn korp nongovernattiv (ONG) xieraq.
2. L-applikant jiġi ggwidat lejn fornitur ta' mikrofinanzjament (Bank jew ONG) xieraq fejn hu jew hi tissottometti proposta.



3. Jekk il-proposta jkollha suċċess, l-applikant jagħmel kuntratt mal-fornitur ta' mikrofinanzjament. L-applikant jista' jibbenefika wkoll minn roħs fuq ir-rata tal-imġax mill-Fond Soċjali Ewropew.
4. Mill-għoti tal-informazzjoni inizjali sat-tmexxija attwali tan-negozju, l-applikant jista' jirċievi appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew f'għamla ta' taħriġ, kowċing, gwida u mentoring fejn dan huwa previst f'finanzjament lokali.
5. L-appoġġ huwa mfassal ukoll għall-ħtiġijiet ta' mikrointrapriżi, li jimpjegaw inqas minn 10 persuni. Il-Faċilità l-ġdida sejra bl-istess mod tgħin lin-nies qiegħda jew inattivi li jridu jagħmlu xogħol għal rashom.

TRID ISSIR TAF AKTAR?

Informazzjoni dwar il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament

<http://ec.europa.eu/epmf>

Il-websajt tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-impatt soċjali tal-kriżi

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=736>

Taf x'tista' tagħmel għalik l-Ewropa soċjali? -folji ta' fatti
<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=816&langId=mt>

INIZJATTIVI OĦRAJN TA' MIKROFINANZJAMENT TAL-UE:

JEREMIE:

http://ec.europa.eu/regional_policy/funds/2007/jjj/jeremie_en.htm

JASMINE:

http://ec.europa.eu/regional_policy/funds/2007/jjj/micro_en.htm

Programm ta' Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni:

<http://ec.europa.eu/cip/>

© L-Unjoni Ewropea, 2010

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

© Ritratti: 123RF

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

KE-32-10-254-MT-D

II-Mikrofinanzjament: Faċilità ġdida għalik



Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress li tipprovdi mikroself lil nies li jridu jibdeu jew jiżviluppaw in-negozju żgħir tagħhom

F'Marzu 2010, intlaħaq qbil dwar il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress fil-Kunsill tal-Ministri fi Brussell. Il-Faċilità sejra tkun operattiva minn Ġunju 2010. Fit-tnedija tagħha, László Andor, il-Kummissarju tal-UE għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, qal:

"Il-Faċilità ta' Mikrofinanzjament toffri linja ta' salvataġġ għan-nies li qegħdin ibatu mill-effetti tal-kriżi u sejra tgħin sabiex toħloq impjiegi ġodda. L-inizjattiva timmira speċifikament li tgħin gruppi vulnerabbli biex isibu rotta alternattiva biex joħorġu mill-qgħad. Sejra wkoll tagħti spinta lill-intraprenditorija u lill-ekonomija soċjali fl-Ewropa. Nistennew li l-faċilità tipprovdi self żgħir lil madwar 45,000 intraprenditur prospettiv matul it-tmien snin li ġejjin."

INIZJATTIVA ĠDIDA TAL-UE

Tnediet inizjattiva ġdida tal-UE biex ikun iktar faċli għan-nies li jridu jibdeu jew jiżviluppaw in-negozji żgħar tagħhom stess, biex ikollhom aċċess għall-kreditu. Tissejjaħ il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress.

Trid tibda n-negozju tiegħek, jew tnedi l-attività tiegħek stess? Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress tista' tkun dak li qed tfitteix!

Il-Faċilità se tipprovdi mikroself, jiġifieri sa 25 000 euro għalik biex tnedi operazzjoni kummerċjali żgħira. Din tista' tkun ristoranti żgħir, servizz ta' trasport, manifattura lokali, servizz ta' kura, eċċ.

Toqgħodx lura – il-Faċilità ser tgħin partikolarment lil dawk li normalment isibu diffikultà biex jiksbu aċċess għall-kreditu u li kienu ser isibuha aktar diffiċli f'dawn iż-żminijiet (persuni qiegħda, żgħażaġh jew nies kbar fl-età, nies li ħarġu għal ftit mis-suq tax-xogħol, jew dawk f'pożizzjoni żvantaġġjata ...).

In-nies li jkunu jridu japplikaw għal self taħt il-Faċilità se jridu jkunu jistgħu jagħmlu dan fil-lokalità tagħhom stess permezz ta' fornituri speċifiċi ta' mikrofinanzjament⁽¹⁾. Dawn huma banek, mikroselfiefa mhux għall-profitt, istituzzjonijiet li jipprovdu garanziji finanzjarji, u fornituri oħrajn ta' mikrofinanzjament lill-mikrointrapriżi. Dawn il-fornituri, min-naħa tagħhom, se jkollhom aċċess għall-fondi permezz tal-Fond Ewropew ta' Investiment.

Jekk għandek l-idea, skopri aktar dwar kif tikseb il-finanzjament fuq: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=836&langId=mt>

L-appoġġ huwa mfassal għall-ħtiġijiet ta' mikrointrapriżi, li jimpjegaw inqas minn 10 persuni. Bl-istess mod ser jgħin lin-nies qiegħda jew inattivi li jridu jagħmlu xogħol għal rashom.

GWIDA U PARIR

Il-finanzjament waħdu mhuwiex biżżejjed biex jiġi żgurat is-suċċess tan-negozju. Għalhekk il-mikrointraprendituri li qegħdin ifittxu finanzjament mill-Faċilità ta' Mikrofinanzjament jistgħu jibbenefikaw ukoll minn gwida u kowċing bl-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Il-FSE ser ikollu rwol importanti biex iwassal l-informazzjoni, lil dawk li potenzjalment jistgħu jissellfu mill-Faċilità ġdida, permezz ta' mezzi eżistenti.

Il-FSE jista' wkoll jagħti roħs fuq rati tal-imgħax f'każijiet individwali, u dan jista' wkoll itejjeb l-aċċess għall-fondi lill-mikrointraprendituri. Itlob aktar informazzjoni mingħand l-awtorità ta' ġestjoni tal-FSE f'pajjiżek.

Aktar informazzjoni dwar il-FSE: <http://ec.europa.eu/esf>

KIF NISTA' NAPPLIKA?

L-ewwel pass huwa li tara jekk hemmx fornituri ta' mikroself li jaħdmu taħt il-Faċilità qrib tiegħek. Dan tista' tiċċekkjah ma':

- Is-servizz ta' impjiegi pubbliku lokali tiegħek: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=585&langId=mt>
- L-Awtorità li tiġġestixxi l-Fond Soċjali Ewropew: <http://ec.europa.eu/esf>

Dawn jistgħu jipprovdulek informazzjoni aktar dettaljata dwar l-iskema, u jpoġġuk f'kuntatt ma' fornitur tal-mikroself⁽²⁾: bank jew fornitur finanzjarju ieħor, skont kif ikun l-aktar xieraq.

Jistgħu wkoll jgħidulek dwar kif tista' tikseb għajjnuna fit-tnejn tal-applikazzjoni tiegħek (mili ta' formoli, tnedija ta' pjan tan-negozju, taħriġ, iggwidar) permezz tal-programmi operattivi tal-Intraprenditorija ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew.

Jekk ikollok suċċess bl-applikazzjoni tiegħek, imbagħad tiffirma kuntratt mal-fornitur ta' mikrofinanzjament. Dan il-kuntratt ikun jispeċifika l-ammont tas-self, it-terminu tiegħu, u r-rata tal-imgħax li għandek tħallas.

⁽¹⁾ Diment li dawn l-operaturi jirċievu appoġġ mill-Faċilità. Informazzjoni dwar l-operaturi magħżula sejra tkun disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Fond Ewropew ta' Investiment: <http://www.eif.europa.eu/>

⁽²⁾ Diment li dawn l-operaturi jirċievu appoġġ mill-Faċilità. Informazzjoni dwar l-operaturi magħżulin sejra tkun disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Fond Ewropew ta' Investiment: <http://www.eif.europa.eu/>